# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 438/2014/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Michael Portelli**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Michael Portelli**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0252483(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Ġunju 2011, għall-ħabta ta' nofsinhar, waqt li kien fit-Taqsima Forensika li tifforma parti mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u li tinsab fl-iSptar Monte Karmeli, Ħ'Attard:

[1] *A fol.* 108 *et seq.*.

1. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis kollha jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar is-27 ta' April 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju 2022 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-Proċess Verbal tal-inkjesta dwar il-każ, *ossia* l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' mija, erbgħa u ħamsin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€154.76) kif ukoll l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 826 Matthew Parnis bħala *Scene of Crime Officer*, ammontanti għas-somma ta' tmienja u tletin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€38.42), b'kollox tali spejjeż jammontaw għas-somma ta' mija, tlieta u disgħin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€193.18), li kellhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. L-Ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita fl-atti tal-kawża hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-

distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi) vs. Michael Portelli tal-20 ta' Lulju 2022 fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, iżda tirrevokaha fil-kumplament tagħha b'dan li tillibera lill-appellant minn kull ħtija u kundanna."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-11 ta' Ġunju 2011 il-Pulizija mill-Għassa ta' Birkirkara ġew infurmati mill-Maġġur Frankie Borg mit-Taqsima Forensika ġewwa l-Isptar Monte Carmeli, illi kienet għadha kemm instabet sustanza suspettata droga fuq l-appellant fl-istess Taqsima. Minn *strip search* li saret fuq l-appellant ma nstab xejn pero' hekk kif l-appellant ġie mitlub ineħħi l-arloġġ li kien liebes, ġie nnutat li hu kien qed jaħbi xi ħaġa f'idu, fejn irriżulta li kien qed iżomm karta bajda daqs ċenteżmu tal-Euro. Mistoqsi x'kien hemm f'dik il-karta, l-appellant wieġeb li kienet *smoke*. Fil-karta kien hemm sustanza kannella skura.

Illi fir-rapport (Dok. "GS" – *a fol* 38 *et seq.*) redatt mill-Espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ġie konkluż is-segwenti:

> "(a) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 245_11_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piż tas-sustanza kien ta' 0.39 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 7.5%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."

Illi din il-Qorti tinnota li mix-xhieda fl-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar li dakinhar tal-akkadut l-appellant instab fil-pussess tas-sustanza kannella skura msemmija hawn fuq. Kemm fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kemm fis-sentenza appellata u kif ukoll fis-sottomissjonijiet mismugħa minn din il-Qorti ma jirriżultax li l-appellant ikkontesta li kien fil-pussess ta' din id-droga.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar is-sejbien tal-ħtija. Jisħaq li bit-tibdiliet fil-liġi li tirrigwarda pussess ta' ammonti żgħar ta' droga fis-sena 2021, huwa għandu jibbenefika minn dan it-tibdil fil-liġi u jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija. Jisħaq li bħala fatt kien ammess li kellu ammont ta' cannabis pero' isostni li l-aggravant taħt Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex bħal aggravanti fejn il-persuna tkun f'pussess tad-droga mhux għal użu esklussiv. Jargumenta li ġialadarba l-pussess kien wieħed għal użu esklussiv u f'ammont żgħir, b'hekk hu għandu jkun eżenti minn kundanna u piena u li għalhekk l-Artikolu 33A imsemmi ma jwassal għall-ebda tlugħ fil-piena.

Illi din il-Qorti tinnota li Artikolu 33A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha

> tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-*Probation* ma għandhomx japplikaw."

Illi dan is-sub-Artikolu appena kkwotat huwa ċar u ma jagħtix lok għal ebda interpretazzjoni. Fl-ebda mument ma jissemma fih li huwa m'huwiex bħal aggravanti fejn il-persuna tkun f'pussess tad-droga mhux għal użu esklussiv bħala ma jargumenta l-appellant.

Illi filwaqt li huwa minnu li kien hemm tibdil fil-liġi li tirrigwarda pussess ta' ammonti żgħar ta' droga pero' dan *per se* ma jwassal qatt sabiex l-appellant jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija kif isostni hu. Minkejja li l-pussess tad-droga tal-appellant f'dan il-każ kien wieħed għal użu esklussiv u f'ammont żgħir dan ma jfissirx li Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jwassalx għall-ebda tlugħ fil-piena. B'hekk l-appellant ma jistax ikun eżenti minn kundanna u piena u għaldaqstant, tenut kont ta' dan kollu, l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> l-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jargumenta li f'każ li għandu jiġi applikat Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kundanna ta' tliet (3) xhur priġunerija mhijiex l-iktar piena minima. Jisħaq li skont Artikolu 8 u 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-pussess tad-droga in kwistjoni jista' jiġi punit b'multa. Ma jaqbilx ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet li minħabba li hija marbuta b'Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija kellha tgħolli l-piena bi grad jew tnejn u li allura skont l-Ewwel Qorti priġunerija effettiva ma setgħetx tiġi evitata u dana peress li jargumenta li skont Artikolu 28 malli l-piena ta' multa togħla grad, il-grad li jmiss huwa ta' priġunerija ta' mhux aktar minn tliet xhur u li dan ifisser li f'dan il-grad persuna tista' teħel jum priġunerija li jsostni huwa l-veru minimum li seta' jeħel fiċ-ċirkostanzi tiegħu. Jisħaq li jekk priġunerija effettiva ma tistax tiġi evitata, tal-inqas tkun waħda ta' ftit jiem.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha, a skans ta' ripetizzjoni tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha fir-rigward tal-ewwel aggravju, b'mod partikolari għal Artikolu 33A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tinnota li skont dan is-sub-Artikolu l-piena <u>għandha</u> tiżdied bi grad jew tnejn.

Illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, l-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza appellata:

> "Illi għall-fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, fl-ewwel lok il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Ottubru 2020, mil-liema jirriżulta illi l-imputat ġie kkundannat għal diversi reati fosthom pussess ta' arma tan-nar, reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, serq aggravat (f'żewġ okkażjonijiet), frodi b'għemil qarrieqi, falsifikazzjoni ta' dokumenti, riċettazzjoni, pussess tar-raża tal-*cannabis* (f'żewġ okkażjonijiet), tal-kokaina u tal-pjanta tal-*cannabis*, traffikar tad-droga eroina, pussess aggravat tad-droga eroina (f'żewġ okkażjonijiet) u pussess aggravat ta'

> mediċina psikotropika u ristretta, dwar liema l-istess imputat ingħata pieni pekunjarji, sentenza ta' priġunerija sospiża, liberazzjoni kundizzjonata, Ordni ta' *Probation* u piena ta' priġunerija (f'żewġ okkażjonijiet). In oltre kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Settembru 2011, l-Ordni ta' *Probation* ġiet imħassra u l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija.
>
> Il-Qorti qed tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, inkluż l-ammont ta' droga li kien wieħed minimu u n-natura tar-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni li tiegħu l-imputat ser jinstab ħati, kif ukoll illi dan ġie mwettaq minnu waqt li kien jinsab detenut fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Karmeli li, bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.02, tikkostitwixxi ħabs għall-finijiet tal-Att dwar il-Ħabs u illi għaldaqstant, huma applikabbli fil-konfront tal-istess imputat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi l-piena għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-*Probation* m'għandhomx japplikaw. Tqis ukoll illi fil-każ odjern mhumiex applikabbli id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 13(b) tal-istess Kapitolu.
>
> [...]
>
> Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi għandha tapplika <u>piena fil-minimu</u>, b'dan ukoll illi fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, ma tistax ħlief tapplika piena ta' priġunerija effettiva." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi mill-motivazzjoni ben studjata tal-Ewwel Qorti hawn fuq ikkwotata. Għandu jiġi nnutat li l-Ewwel Qorti waslet għall-piena tagħha fil-konfront tal-appellant wara li b'mod metikoluż qieset iċ-

ċirkostanzi kollha. Ta' min jiġi nnutat li l-Ewwel Qorti applikat piena fil-minimu u mhux il-minimu!

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għala għandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u b'hekk it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Michael Portelli u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**